

# San Ġużepp fir-raħal tal-Qala f'Għawdex

Mario Fenech

Il-Kult Ġużeppin huwa mifrux sew fil-gżira t'Għawdex. Niltaqgħu ma' numru kbira ta' knejjes f'din il-gżira li fihom hemm altari ddedikati lil San Ġużepp bi kwadri sbieħ ta' dan il-qaddis fuqhom.

Hemm ukoll numru ta' knejjes li fihom hija meqjuma b'devozzjoni kbira xi statwa ta' San Ġużepp, kif ukoll għadd kbir ta' niċeċ bi statwi fihom fit-toroq ta' diversi rħula.

Meta r-raħal tal-Qala sar parroċċa fis-sena 1872, il-Knisja Parrokkjali kienet dik li llum hija s-Santwarju tal-Immakulata Kunċizzjoni li tinsab fit-tarf tar-raħal biswit iċ-ċimiterju.

Sentejn qabel it-twaqqif ta' din il-parroċċa jiġifieri fis-sena 1870, San Ġużepp kien ġie ddikjarat patrun tal-Knisja Universali mill-Papa Piju IX.

Ma għaddiex wisq żmien biex bdiet tinbena l-knisja l-ġdida li tinsab f'nofs ir-raħal. Iċ-ċerimonja tat-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-bini tal-knisja saret f'Jum il-Festa tas-Solennità ta' San Ġużepp nhar id-19 ta' Marzu 1882.



Dan il-fatt juri li diġà kien hemm il-ħsieb li din il-knisja tkun taħt il-Patroċinju ta' San Ġużepp l-Għarus Kastissimu tal-Verġni Marija Immakulata Kunċizzjoni.

Mat-tberik ta' din il-knisja l-ġdida nhar is-26 ta' Jannar 1889 kienet ġiet imwaqqfa l-Fratellanza ta' San Ġużepp. B'hekk dan il-qaddis ġie magħżul biex ikun il-patrun flimkien mal-Immakulata Kunċizzjoni tar-raħal tal-Qala. Tant hu hekk li fil-kwadru titulari tal-knisja, Solennement Inkurunat, hemm ix-xbihat ta' San Ġużepp u tal-Immakulata Kunċizzjoni.

Sena wara t-twaqqif tal-Fratellanza bil-ħidma ta' Kappillan ta' dak iż-żmien Dun Ġużepp Diacono, id-Ditta Gallard et Fils ta' Marsilja fi Franza ħadmet l-Istatwa Titulari ta' San Ġużepp. Din l-istatwa waslet fir-raħal tal-Qala fil-bidu tas-sena u nħarġet f'purċissjoni għall-ewwel darba nhar is-27 t'April tas-sena 1890.

Bl-għajnuna finanzjarja tal-Emigranti Qalin fis-sena 1917 inħadem pedestall ġdid li ġie wkoll indurat bid-deheb. Sena wara l-id ix-xellugija ta' San Ġużepp ġiet maħruġa xi ftit 'il barra biex b'hekk seta' jsir il-ġilju tal-fidda f'idejn il-qaddis. Fl-istess sena, l-istatwa ġiet indurata u sgraffita. Saru wkoll l-girlanda ta' madwar il-pedistall u l-fjuretti maħduma bil-ganutell f'gastri maħdumin fil-fidda.

Statwa devota ferm għażiża għall-poplu tal-Qala. Tinħareġ fil-purċissjoni ta' nhar il-festa li ssir fl-ewwel Ħadd t'Awwissu.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.

